# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA Tas-26 ta' OTTUBRU, 2000.**

**Citazzjoni numru 635/01**

**Flock Hatchers Compsny Limited**

Vs.

**Felix Garzia**

**Il-Qorti;**

**Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-**

**Illi il-konvenut huwa debitur versu s-socjeta attrici fis-somma ta' elfejn u tnejn u erbghin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu Lm2042.53) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' flieles lilu konsenjati u mhux imhallsa kif jidher mill-"invoice" hawn annessa u mmarkata "Dokument A";**

**Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex ihallas, u dan anke permezz ta' l-ittra bonarja datata 27 ta' Lulju, 2000, izda baqa' inadempjenti;**

**Illi l-ammont dovut huwa veru, likwidu u skadut,u fil-fehma tas-socjeta attrici, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet validi x'jopponi kontra it-talbiet attrici;**

**Talbet ghalhekk lill-konvenut jghid ghaliex dina l-OnorabbliQorti ;m'ghandhiex:-**

**1.  Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur tal-artikolu l67 et seq. Tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. L2 tal-Ligijiet ta' Malta) u**

**2.  Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn u tnejn u erbghin lira Maltin u tleita u hamsin centezmu), rapresentanti bilanc ta' prezz ta' flieles lilu konsenjati u mhux imhallsa.**

**Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 27 ta'Lulju, 2000, u bl-imghaxijet kummercjali, mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.**

**Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici u n-nota tax-xhieda taghha;**

**Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta in-nota ta' eccezzjonijiet u naqas li jidher ghas-smiegh tal-kawza u hekk baqa kontumaci;**

**Ikkonsidrat il-provi prodotti mis-socjeta attrici;**

**Semghet lill-Avukat tas-socjeta attrici;**

**Billi mill-provi mhux kontradetti t-talbiet jirrizultaw pruvati;**

**Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici bl-imghaxijet kif mitluba u bl-ispejjes kontra l-konvenut.**

**Imhallef**

**Dep. Registratur**